Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0235(COD)

12.6.2026

EMENDI
284 - 362

Abbozz ta' opinjoni
Niclas Herbst
(PE788.825v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0559 – 2025/0235(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 284
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ ***għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd*** li ma jikkonformax ***mal-ftehim*** tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ***u mal-objettivi*** tal-PKS ***kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS*** ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ li ma jikkonformax ***mal-kriterji tal-ftehim*** tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ***jew li jingħata lill-flotta tas-sajd jew l-operaturi li wettqu ksur serju tar-regoli*** tal-PKS ***għall-perjodu stabbilit fil-punt 2 jew b'deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja*** ma għandux jiġi appoġġat. ***Madankollu, sabiex jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali u jiġi miġġieled it-tixjiħ tas-settur, tista' tingħata għajnuna għall-akkwist tal-ewwel bastiment tas-sajd lil sajjieda żgħażagħ taħt l-40 sena, sakemm il-bastiment ikun jappartjeni għall-kategorija tas-sajd artiġjanali ta' inqas minn 15-il metru u l-bilanċ tal-flotta jkun garantit.***

Or. es

Emenda 285
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat. ***L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali***

tagħhom kif se jiżguraw li:

a) ċerti forom tas-sajd li jwasslu għall-kapaċità żejda u għas-sajd eċċessiv huma esklużi mill-appoġġ u

b) mhu se jingħata l-ebda sussidju li jista' jikkontribwixxi għal sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Ftehim tad-WTO jaqra li "L-ebda Membru ma għandu jagħti jew iżomm sussidji għas-sajd jew għal attivitajiet relatati mas-sajd fir-rigward ta' stokk mistad iżżejjed." u "L-ebda Membru ma għandu jagħti jew iżomm xi sussidju lil bastiment jew operaturi involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jew f'attivitajiet relatati mas-sajd b'appoġġ għas-sajd IUU."

Emenda 286
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ ***għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS*** ma għandux ***jiġi appoġġat.***	1. ***1.*** L-appoġġ ***skont dan ir-Regolament*** ma għandux ***jingħata lil:***

Or. en

Emenda 287
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew

għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat. ***L-appoġġ ma għandux jingħata meta jwassal għal kapaċità żejda jew sajd eċċessiv.***

Or. en

Emenda 288
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax ***mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14.6 tan-NU,*** mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, ***il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti",*** u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 289
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd***, kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill***

fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ***dwar il-PKS*** ma għandux jiġi ***appoġġat***.	***(UE) 2023/1116,*** u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ***(UE) 1380/2013*** ma għandux jiġi ***pprovdut***.

Or. en

Emenda 290
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax ***mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u*** mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

Or. fr

Emenda 291
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd***, mal-Għan 14.6 tal-SDG,*** u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 292
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax ***mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u*** mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 293
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax ***mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u*** mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 294
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ ***għall-flotta tas-sajd jew***	1. L-appoġġ ***tal-Unjoni għandu***

għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ***u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux jiġi appoġġat***.

jingħata biss dment li jikkonforma mal-objettivi tal-PKS u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-konformità mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd[14a].

[14a] Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-Sussidji għas-Sajd (ĠU L 148, 8.6.2023, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2023/1116/oj).

Or. en

Emenda 295
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-flotot jew l-operaturi li ma jikkonformawx mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS.

Or. en

Emenda 296
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) Il-benefiċjarji li ma jikkonformawx mal-PKS u wettqu

kwalunkwe ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien ħames snin.

Or. en

Emenda 297
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju.

Or. en

Emenda 298
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) Operazzjonijiet ta' estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar.

Or. en

Emenda 299
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	1a. Tista' tingħata għajnuna pubblika għall-waqfien definittiv tal-attivitajiet tas-sajd, bħall-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali u fuq skala żgħira, sakemm l-iskrappjar ikun ġustifikat minnuqqas ta' profittabbiltà ekonomika tal-bastiment, l-iskarsezza ta' kwoti jew pjanijiet ta' ġestjoni restrittivi, sabiex jiġi garantit kumpens ġust.

Or. es

Emenda 300
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien 5 snin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 301
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa ***(c)*** fi żmien 5 snin.	2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa ***(ca)*** fi żmien 5 snin. ***Operazzjoni li tinkludi l-waqfien permanenti tal-attività tas-sajd għandha tħallas lura l-kontribuzzjoni mill-Fond jekk fi żmien għaxar snin mill-pagament***

finali, ma tkunx intlaħqet konformità mar-regoli tal-Artikolu 22 tar-Regolament 1380/2013, jiġifieri li l-kapaċità tas-sajd li tikkorrispondi għall-bastimenti tas-sajd irtirati bl-għajnuna pubblika ma għandhiex tiġi sostitwita.

Or. en

Emenda 302
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda*** ksur ***u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien 5 snin***.	2. ***L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-operaturi għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-operaturi jikkonformaw mar-regoli tal-PKS***. ***Għalhekk, minbarra r-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet possibbli fuq l-aċċess għall-finanzjament pubbliku imposti minn deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-Unjoni jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-operatur ma jkunx wettaq*** ksur ***serju matul is-sena ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni***.

Or. es

Emenda 303
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat ***elenkat fl-***	2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS***, mal-d-dritt ambjentali tal-Unjoni, mal-liġi***

Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien 5 snin.	***dwar il-benesseri tal-annimali, mal-liġi dwar il-protezzjoni tan-natura u mal-leġiżlazzjoni li tipproteġi speċijiet vulnerabbli u protetti,*** u ma jwettqu l-ebda ksur u reat fi żmien 5 snin.

Or. en

Emenda 304
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu ***3(4)***, il-punti (a) sa (c) fi żmien 5 snin.	2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu ***3d(1)***, il-punti (a) sa (c) fi żmien 5 snin ***wara li tingħata l-għajnuna***.

Or. en

Emenda 305
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien ***5 snin***.	2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien ***sitt xhur***.

Or. en

Emenda 306
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien ***5*** snin.	2. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jkomplu jikkonformaw mal-PKS u ma jwettqu l-ebda ksur u reat elenkat fl-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (c) fi żmien ***tliet*** snin.

Or. da

Emenda 307
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju mhumiex eliġibbli biex jirċievu appoġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 308
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju mhumiex eliġibbli biex jirċievu appoġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 309
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi ***u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju mhumiex*** eliġibbli ***biex jirċievu appoġġ***.	3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi***, ma għandhomx ikunu*** eliġibbli ***għall-appoġġ***.

Or. en

Emenda 310
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, ***inkluż permezz tal-ħolqien*** ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi ***u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju mhumiex*** eliġibbli biex ***jirċievu*** appoġġ.	3. It-***trasferiment tas-sjieda ta' negozju*** jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, ***ħlief il-ħolqien*** ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi, ***mhuwiex*** eliġibbli biex ***jirċievi*** appoġġ.

Or. es

Emenda 311
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 3, l-akkwist ta' bastiment tas-sajd jew l-akkwist ta' sjieda parzjali ta' bastiment tas-sajd jista' jkun eleġibbli meta jingħata appoġġ lil:
	(a) persuna fiżika li ma jkollhiex aktar minn 40 sena fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ u li tkun ħadmet mill-inqas ħames snin bħala sajjied jew tkun kisbet kwalifika adegwata; jew
	(b) entità legali kompletament proprjetà ta' persuna fiżika waħda jew aktar li kull waħda minnhom tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a).

Or. en

Emenda 312
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jingħata għall-ewwel akkwist konġunt ta' bastiment tas-sajd minn diversi persuni fiżiċi, li kull waħda tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3a.

Or. en

Emenda 313
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. L-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jingħata wkoll għall-akkwist ta' sjieda parzjali ta' bastiment tas-sajd minn persuna fiżika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3a u li għandha titqies li jkollha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment jew tal-ishma fil-bastiment jew minn entità legali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3a u li għandha titqies li jkollha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment jew tal-ishma fil-bastiment.

Or. en

Emenda 314
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 315
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 316
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 317
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata. ***L-attivitajiet relatati mal-monitoraġġ u mar-riċerka tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jistgħu jiġu appoġġati meta jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ.***

Or. en

Emenda 318
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar	4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar

fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	fond ma għandhiex tiġi appoġġata ***u lanqas ma għandha tipproċedi għall-fażi ta' esplorazzjoni għaż-żmien kollu li matulu l-moratorju jkun fis-seħħ u sakemm jiġu vvalutati bis-sħiħ l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi abbażi ta' għarfien xjentifiku sod u indipendenti***.

Or. pt

Emenda 319
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata, ***sabiex ma tiżdiedx aktar il-pressjoni fuq l-istokkijiet tal-ħut***.

Or. it

Emenda 320
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-impenji volontarji meħuda mis-sajjieda, inkluża t-tranżizzjoni lejn segment tal-flotta b'impatt ambjentali aktar baxx u prattiki tas-sajd aktar selettivi li jistgħu jnaqqsu t-tneħħija sistematika ta' ħut akbar u akbar fl-età u jipproteġu aħjar il-potenzjal ta' reklutaġġ tal-istokk, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ. ***L-appoġġ għall-azzjoni ta' tranżizzjoni għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni ta' tranżizzjoni mfassal minn***

sajjied u approvat u vvalutat għall-konformità ma' pjan ta' azzjoni għas-segmenti tal-flotta b'kapaċità strutturali żejda identifikata ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 minn Stat Membru.

Meta azzjoni ta' tranżizzjoni tinkludi waqfien temporanju tal-attività tas-sajd, il-pjan ta' azzjoni ta' tranżizzjoni għandu jinkludi l-informazzjoni dwar id-durata tal-waqfien u l-istokkijiet li jibbenefikaw minnu.

Il-waqfien temporanju għandu jinkludi biss il-perjodu tal-istaġun tas-sajd għall-istokk rispettiv u għandu jkopri dan il-perjodu kollu. Il-waqfien temporanju tal-attività tas-sajd għandu jsir eliġibbli biss għall-bastimenti sa 33 metru.

Or. en

Emenda 321
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Setgħat ta' implimentazzjoni u status tal-gwida tal-Kummissjoni
	1. Il-Kummissjoni ma tingħata l-ebda setgħa li tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament.
	2. Meta jkunu meħtieġa regoli għall-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, u b'hekk jiġi żgurat il-kontroll mill-Istati Membri.

3. Kwalunkwe gwida, linja gwida jew strument mhux vinkolanti ieħor maħruġ mill-Kummissjoni b'rabta ma' dan ir-Regolament jew mal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali għandu jservi għal finijiet ta' informazzjoni biss. Dawn ma għandhomx joħolqu obbligi għall-Istati Membri, għall-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew għall-benefiċjarji, ma għandhomx jintużaw bħala kundizzjoni għall-aċċess għall-finanzjament, u ma għandhomx jintużaw bħala bażi għal interpretazzjoni legali fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju.

Or. en

Emenda 322
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-operaturi li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u għar-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, it-tnaqqis tal-qbid aċċessorju u l-qbid skartat, il-protezzjoni ta' speċijiet vulnerabbli u protetti, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tat-tniġġis, it-tranżizzjoni għal metodi tas-sajd b'impatt baxx u selettivi, u t-titjib tal-benesseri tal-annimali fl-akkwakultura u fis-sajd. L-operaturi li jużaw it-tkarkir tal-qiegħ u attivitajiet oħra li jagħmlu ħsara lil qiegħ il-baħar, ma għandhom jirċievu l-ebda appoġġ.

Or. en

Emenda 323
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-appoġġ għal bastimenti li jużaw irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ma għandux jingħata, sakemm ma jkunx għal bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' 33 metru jew inqas, jew fil-każ speċifiku ta' tranżizzjoni lil hinn minn irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, jew għal skemi obbligatorji ta' waqfien permanenti.

Or. en

Emenda 324
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kwalunkwe appoġġ lis-sidien jew lill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ma għandux jingħata, ħlief fil-każ speċifiku ta' tranżizzjoni lil hinn mill-irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, jew għal skemi obbligatorji ta' waqfien permanenti.

Or. en

Emenda 325

Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Dment li ma jkunx espressament previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, kull għajnuna li mhijiex espressament ipprojbita għandha titqies li hija permessa, u b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-benefiċjarji.

Or. es

Emenda 326
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-finanzjament u l-attivitajiet relatati mas-sajd u mal-akkwakultura għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Or. en

Emenda 327
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. L-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-miri relatati mal-oċeani ta' pjan implimentat f'konformità mal-qafas ambjentali applikabbli, bħar-

Regolament (UE) 2024/1991, inkluż dawk relatati mal-monitoraġġ u r-riċerka, jistgħu jiġu appoġġati.

Or. en

Emenda 328
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. L-appoġġ lis-sidien jew lill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għall-finanzjament għandu jkun bil-kundizzjoni li l-bastiment tas-sajd rispettiv ikun kompletament konformi mill-inqas mar-rekwiżiti obbligatorji għas-sistemi ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM).

Or. en

Emenda 329
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Ma għandux jingħata appoġġ għall-akkwakultura li hija karnivora, it-trobbija tal-qarnit, u l-akkwakultura li tikkawża jew iżżid it-tbatija tal-annimali, it-tniġġis, ir-riskju ta' mard, id-dipendenza mill-antimikrobiċi jew il-pressjoni fuq l-istokkijiet ta' ħut selvaġġ.

Or. en

Emenda 330
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. L-appoġġ għal kwalunkwe metodu jew teknika li x'aktarx iżżid il-kapaċità tas-sajd ta' bastiment tas-sajd ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 331
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Il-waqfien permanenti tal-attività tas-sajd għandu jiġi appoġġat dment li jkun preċedut mill-irtirar tal-liċenzja tas-sajd u tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u dment li jikkonforma ma' dan kollu li ġej:
	a) l-appoġġ jikkonċerna bastimenti ta' tul ta' aktar minn 33 metru, b'kapaċità strutturali żejda identifikata, kif identifikata fil-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 minn Stat Membru;
	b) l-appoġġ jgħin fir-restawr ta' żoni importanti ta' riproduzzjoni u tkabbir tal-ħut jew jirriżulta fl-eliminazzjoni ta' pressjonijiet li jippermettu l-istabbilizzazzjoni tal-qiegħ tal-baħar, b'rabta diretta mal-miżuri tal-pjan nazzjonali ta' restawr kif ivvalutat u kkonfermat kif xieraq mill-awtorità tal-Istat Membru;
	(c) f'każ li l-appoġġ għall-waqfien tal-attività tas-sajd jieħu l-forma ta' skema

ta' skrappjar, l-applikazzjoni tinkludi pjan għar-riċiklaġġ tal-bastimenti speċifiku għall-bastimenti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 u

(d) id-dikjarazzjoni solenni mill-operatur li takkumpanja l-applikazzjoni għall-appoġġ tikkonferma li l-għajnuna tikkonforma mar-regoli tal-Artikolu 22 (6) tar-Regolament 1380/2013 u li l-għajnuna mhijiex u mhux se tiġi investita mill-ġdid fis-settur.

Or. en

Emenda 332
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. L-appoġġ ma għandux jingħata għal operazzjonijiet li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv, għall-kapaċità żejda, għall-prattiki tas-sajd distruttivi, għad-disturb sinifikanti ta' qiegħ il-baħar, għad-degradazzjoni tal-ħabitats tal-baħar, għaż-żieda fil-qbid aċċessorju ta' speċijiet mhux fil-mira jew għat-tbatija tal-annimali akkwatiċi.

Or. en

Emenda 333
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. L-appoġġ għal kwalunkwe metodu jew teknika li x'aktarx iżżid il-kapaċità ta' bastiment tas-sajd li jsib jew jaqbad il-ħut

ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 334
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. L-appoġġ għal kwalunkwe metodu jew teknika li x'aktarx iżżid il-kapaċità tas-sajd ta' bastiment tas-sajd ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 335
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4d. L-appoġġ għal kwalunkwe metodu jew teknika li x'aktarx iżżid il-kapaċità ta' bastiment tas-sajd li jsib jew jaqbad il-ħut ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 336
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4d. L-appoġġ għall-fjuwils fossili ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 337
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4e. L-appoġġ għall-akkwist, is-sostituzzjoni, il-kostruzzjoni jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd ma għandux jingħata, sakemm mhux b'tul globali ta' 33 metru jew inqas, biss fil-każijiet speċifiċi li ġejjin:
	- għat-tranżizzjoni tagħhom lil hinn minn irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, jew;
	- għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit mill-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dment li jintwera li l-miżuri jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-operazzjonijiet tas-sajd, u li ma jipperpetwawx jew ma jirriżultawx fi ħsara ġdida għall-ekosistemi tal-baħar, speċifikament fil-każ tas-sostituzzjoni tal-irkaptu.

Or. en

Emenda 338
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4e. L-appoġġ għall-kostijiet operazzjonali, inklużi s-sussidji għall-fjuwils fossili, ma għandux jingħata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' sussidji tal-UE għall-kostijiet tal-fjuwils fossili jdgħajjef l-isforzi meħtieġa f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 339
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4f. L-appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd għandu jingħata biss bil-kundizzjoni li tali appoġġ jirriżulta fi tnaqqis nett tal-isforz tas-sajd globali li ma jkunx ikkumpensat minn sforz akbar xi mkien ieħor, u li jkun akkumpanjat minn miżuri ta' ġestjoni adegwati li jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tal-popolazzjonijiet tal-ħut ikkonċernati u l-ekosistemi assoċjati tagħhom, inkluż li s-sajd ma jinfetaħx mill-ġdid meta l-parir xjentifiku u kunsiderazzjonijiet usa' tal-ekosistema jindikaw li dan jipperikola l-objettivi tad-Direttiva 2008/56/KE.

Or. en

Emenda 340
Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4f. L-appoġġ għas-sostituzzjoni tal-magni tal-fjuwils fossili ma għandux jingħata, ħlief għat-tranżizzjoni lejn l-elettrifikazzjoni u l-propulsjoni bir-riħ għal bastimenti b'tul totali ta' 33 metru jew inqas u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006.

Or. en

Emenda 341
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4g. L-appoġġ għall-akkwist, is-sostituzzjoni, il-kostruzzjoni jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 342
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4g. Ma għandux jingħata appoġġ għat-tkarkir bl-impulsi elettriċi.

Or. en

Emenda 343
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4h. L-appoġġ għall-operazzjonijiet jew in-nefqa għas-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd għandu jkun eliġibbli biss taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	i) il-bastiment ikollu tul totali ta' mhux aktar minn 24 metru;
	ii) il-bastiment ikun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-inqas ħames snin kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal appoġġ;
	iii) il-bastiment jappartjeni għal taqsima mill-flotta li fir-rigward tagħha r-rapport l-aktar reċenti dwar il-kapaċità ta' sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak is-segment;
	iv) kull tnaqqis fil-kapaċità tas-sajd f'kW minħabba s-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari għandu jitħassar b'mod permanenti mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni;
	v) il-potenza tal-magna tal-bastiment tas-sajd għandha tkun spezzjonata b'mod fiżiku mill-Istat Membru biex jiżgura li l-magna ma għandhiex aktar potenza minn dik iddikjarata fil-liċenzja tas-sajd;
	vi) il-magna l-ġdida jew modernizzata ma għandhiex aktar potenza minn dik tal-magna attwali f'kW; u
	vii) il-magna l-ġdida jew modernizzata

hija bbażata fuq teknoloġiji b'emissjonijiet żero f'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament (UE) 2023/1805.

Or. en

Emenda 344
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4h. Ma għandux jingħata appoġġ għas-sajd fil-baħar fond.

Or. en

Emenda 345
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4i. L-appoġġ għall-kostruzzjoni, l-akkwist jew l-użu ta' kwalunkwe tip ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 346
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4i. L-espansjoni tal-akkwakultura karnivora, kemm fil-volum kif ukoll għal speċijiet aktar ġodda, ma għandhiex tiġi appoġġata.

Or. en

Emenda 347
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4j. Il-bini ta' farms tal-ħut tas-salamun li jużaw Sistemi tal-Akkwakultura Riċirkolanti għall-fażi tat-tismin ma għandux jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 348
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4j. L-appoġġ għat-tkarkir bl-impulsi elettriċi ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 349
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4k. L-appoġġ għas-sajd fil-baħar fond ma għandux jingħata.

Or. en

Emenda 350
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4l. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għas-sajd esploratorju;

Or. en

Emenda 351
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4m (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4m. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-istokkjar mill-ġdid dirett, ħlief b'mod espliċitu bħala miżura ta' introduzzjoni mill-ġdid jew miżura oħra ta' konservazzjoni.

Or. en

Emenda 352
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Sistema ta' kontroll għall-politika komuni tas-sajd
	1. L-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [ir-Regolament PSNR], jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji.
	2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, l-istandards tax-xogħol applikabbli, is-sajd u l-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.
	3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, meta jkun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.
	4. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat u applikazzjoni għall-appoġġ ippreżentata minn benefiċjarju għandha tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien speċifikat stabbilit skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun ġie ddeterminat permezz ta' deċiżjoni finali mill-awtorità kompetenti kkonċernata li l-benefiċjarju jkun wettaq frodi.

5. Meta jseħħ każ kif elenkat fl-Artikolu XX ta' dan ir-Regolament fil-perjodu ta' applikazzjoni u l-ħames snin wara l-pagament finali, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat. L-irkupru għandu jkun proporzjonat man-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur serju jew tar-reati mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju.

6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri u l-effettività, il-proporzjonalità u l-effett dissważiv tal-penali msemmija fil-paragrafu 5 u l-irkupri u l-inammissibbiltà msemmija fl-Artikolu XX tar-Regolament u fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4b li jissupplimentaw dan ir-Regolament bi:

(a) regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni u l-kalkolu tal-penali;

(b) l-identifikazzjoni tal-limitu li jiskatta, u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà kif ukoll l-arranġamenti għall-irkupru tal-appoġġ mogħti, inklużi l-limiti li jiskattawh

Or. en

Emenda 353
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura u lil operaturi oħra fil-katina tal-valur tas-sajd u tal-akkwakultura li huma affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu, inkluż l-appoġġ għall-kumpens għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura, jista' jingħata fil-każ ta':

(a) miżuri ta' konservazzjoni, kif imsemmija fil-punti (a), (b), (c), (i) u (j) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew, meta applikabbli għall-Unjoni, miżuri ta' konservazzjoni ekwivalenti adottati mill-RFMOs;

(b) miżuri tal-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(c) miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) l-interruzzjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jew protokoll tiegħu minħabba force majeure; jew

(e) diżastri naturali, inċidenti ambjentali, kriżijiet tas-saħħa jew eventi katastrofiċi, kif rikonoxxuti formalment mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli biex jikkumpensaw għat-telf fil-produzzjoni, l-introjtu mitluf jew il-kostijiet addizzjonali mġarrba.

4. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom

	jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Emenda 354
Francisco José Millán Mon

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	"La tagħmilx ħsara sinifikanti"
	1. L-appoġġ mogħti biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", dment li jkun konsistenti mal-objettivi tal-PKS.

Or. en

Emenda 355
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b.
	Sistema ta' kontroll għall-politika komuni tas-sajd
	1. F'konformità mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) .../… [ir-Regolament SNR], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji

mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3d.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tas-sajd u tal-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament SNR] għandha tiġi nnotifikata, meta jkun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità meta jkunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3d, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat u applikazzjoni għall-appoġġ ippreżentata minn benefiċjarju għandha tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien speċifikat stabbilit skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun ġie ddeterminat permezz ta' deċiżjoni finali mill-awtorità kompetenti kkonċernata li l-benefiċjarju jkun wettaq frodi.

5. Meta jseħħ każ kif elenkat fl-Artikolu 3d bejn il-perjodu ta' applikazzjoni u l-ħames snin wara li tkun ingħatat l-għajnuna, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat. L-irkupru għandu jkun proporzjonat man-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur serju jew tar-reati mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju.

6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri u l-effettività, il-

proporzjonalità u l-effett dissważiv tal-irkupri u l-inammissibbiltà msemmija fl-Artikolu 3d, u fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4g li jissupplimentaw dan ir-Regolament bi:

(a) regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni u l-kalkolu tal-irkupri;

(b) l-identifikazzjoni tal-limitu li jiskatta, u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà kif ukoll l-arranġamenti għall-irkupru tal-appoġġ mogħti, inklużi l-limiti li jiskattawh.

Or. en

Emenda 356
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
	3. Id-delegi ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 4a jistgħu jiġu revokati fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-

Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont il-paragrafu 5 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. Is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[1a] lill-Kummissjoni biex tadotta att delegat li jipprevedi kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija għandha tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-202X. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi eżerċitata f'konformità mal-Artikolu 4b ta' dan ir-Regolament.

[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

Or. en

Emenda 357
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4c
	Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità
	1. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkopri interventi li jikkontribwixxu għall-iffaċilitar ta' ekonomija blu sostenibbli f'żoni kostali, fi gżejjer u f'żoni interni, u għat-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli ta' komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. Sabiex jintlaħaq dan, l-appoġġ għandu jiġi implimentat permezz tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità (CLDD) stabbilit fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) .../... [Regolament SNR].
	***2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-istrateġiji tas-CLLD imsemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SNR] għandhom jitfasslu b'enfasi speċifika fuq iż-żoni kostali, fil-gżejjer u fiż-żoni interni, u għandhom jiġu żviluppati b'mod indipendenti. L-istrateġiji tas-CLLD għandhom jiżguraw li l-komunitajiet f'żoni tas-sajd jew tal-akkwakultura jisfruttaw aħjar u jibbenefikaw iżjed mill-opportunitajiet li toffri l-ekonomija blu sostenibbli billi jikkapitalizzaw u jsaħħu r-riżorsi**

ambjentali, kulturali, soċjali u umani. Dawk l-istrateġiji tas-CLLD jistgħu jvarjaw minn dawk li jiffokaw fuq is-sajd jew l-akkwakultura għal strateġiji usa' diretti lejn id-diversifikazzjoni tal-komunitajiet lokali.

3. Mill-inqas 12 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat għal kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 10, il-paragrafu 2, il-punt a, tar-Regolament UE …/… [ir-Regolament SNR] għandu jiġi allokat fil-Pjan SNR għall-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1. L-Istati Membri li ma għandhomx aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni jistgħu japplikaw perċentwal iżjed baxx fir-rigward tal-firxa tal-kompiti tagħhom ta' kontroll u ġbir ta' data.

Or. en

Emenda 358
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4d
	Għajnuna mill-Istat
	1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandhom japplikaw għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni.
	***2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mogħtija mill-Istati Membri skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) …/… [Regolament SNR] lil impriżi fis-settur tas-sajd u tal-**

akkwakultura tal-Unjoni, li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

3. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti, bl-għan li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-produzzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità, id-daqs żgħir u l-qagħda mbiegħda estrema tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew f'konformità ma' dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-Pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

4. L-appoġġ jista' jkopri s-suċċessjoni tal-bastimenti tas-sajd, inkluż it-trasferiment tas-sjieda ta' bastiment jew ta' sehem kontrollanti minnu, sabiex jiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali u l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 359
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4e
	Rapport annwali
	1. Fil-31 ta' Lulju 2029 u kull sena minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni, il-prestazzjoni u r-riżultati tal-FEMSA. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tuża l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) …./…. [Ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].
	2. Minbarra r-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) ..../.... [Ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], l-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi lill-Kummissjoni data ta' implimentazzjoni fil-livell ta' operazzjoni rilevanti li għandha tinkludi karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju (isem, tip ta' benefiċjarju, id-daqs tal-impriża, il-ġeneru u d-dettalji ta' kuntatt) u tal-operazzjoni appoġġata (objettiv speċifiku, tip ta' operazzjoni, settur ikkonċernat, valuri tal-indikaturi, stat ta' progress tal-operazzjoni, numru ta' reġistrazzjoni tal-flotta komuni, data finanzjarja u forma ta' appoġġ). Id-data għandha tiġi pprovduta fil-31 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju ta' kull sena. L-ewwel trażmissjoni ta' dik id-data għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2029.
	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli li jispeċifikaw aktar id-data eżatta msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-preżentazzjoni tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4g.
	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-

Artikolu 4h, biex temenda l-Anness I tar-Regolament (UE)…/… [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] billi żżid l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni sabiex tadatta għall-bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

Or. en

Emenda 360
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4f
	Proċedura ta' kumitat
	1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
	2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 361
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4g
	Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3d għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delegi ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 3d jistgħu jiġu revokati fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont il-paragrafu 5 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 362
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri ***f'konformità mat-Trattati***.	Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri ***kollha***.

Or. en